*ir-raġunijiet li ngħataw mit-Tribunal għall-kwantum tal-kumpens li għandu jitħallas lill-appellat, huma pjuttost xotti, u ma jippermettux lis-soċjetà appellanta tressaq appell immotivat jekk tagħżel li tipprevalixxi ruħha mid-dritt ta' appell dwar dan il-punt skont il-liġi*

MALTA

# QORTI TAL-APPELL
## (Sede Inferjuri)

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tat-28 ta' Frar, 2024

Appell Inferjuri Numru 55/2023 LM

**Julio Azzopardi (K.I. 182770M)**
*('l-appellat')*

***vs.***

**Solar Engineering Limited (C 47487)**
*('is-soċjetà appellanta')*

**Il-Qorti,**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan huwa appell magħmul mis-soċjetà intimata **Solar Engineering Limited (C 47487)**, [minn issa 'l quddiem 'is-soċjetà appellanta'], mid-deċiżjoni mogħtija mit-Tribunal Industrijali [minn issa 'l quddiem 'it-Tribunal'], fid-19 ta' April, 2023, [minn issa 'l quddiem 'id-deċiżjoni appellata'] fejn it-Tribunal

iddeċieda li t-tkeċċija tar-rikorrent **Julio Azzopardi (K.I. 182770M)** [hawnhekk 'l-appellat'] mill-impjieg mas-soċjetà intimata ma saritx għal raġuni tajba u suffiċjenti, u għalhekk illikwida kumpens favur ir-rikorrent fl-ammont ta' disat elef Euro (€9,000), li t-Tribunal ordna li għandhom jitħallsu lir-rikorrent fi żmien sitt ġimgħat mid-deċiżjoni tiegħu.

**Fatti**

2. Permezz tar-rikors tiegħu ppreżentat quddiem it-Tribunal, ir-rikorrent spjega li huwa kien impjegat mas-soċjetà intimata b'kuntratt tax-xogħol għal terminu indefinit minn Awwissu tas-sena 2009, u l-impjieg tiegħu ġie tterminat fil-25 ta' Marzu, 2014. Qal li din it-tkeċċija ma kinitx għal raġuni tajba u suffiċjenti skont il-liġi, u għalhekk talab lit-Tribunal jiddikjara u jiddeċiedi li t-terminazzjoni tiegħu mill-impjieg kienet waħda inġusta, kif ukoll jagħti dawk il-provvedimenti kollha opportuni *ai termini* tal-Kap. 452 tal-Liġijiet ta' Malta.

3. Is-soċjetà intimata wieġbet li t-temm tal-impjieg tar-rikorrent minn magħha, kien wieħed ġustifikat u għal raġunijiet li tipprovdi għalihom il-liġi, fosthom minħabba tbagħbis fir-*records* uffiċjali tal-kumpannija, immaniġġjar ħażin tal-flus tal-kumpannija, nuqqas ta' tmexxija tajba tan-negozju tal-kumpannija li kien fdat f'idejh, skartar mhux awtorizzat minn fuq il-post tax-xogħol, nuqqas ta' diliġenza fit-twettiq tad-dmirijiet u tar-responsabbiltajiet fdati lilu, nuqqas ta' dixxiplina, u nuqqas ta' lealtà lejn il-kumpannija u d-diriġenti tagħha. Skont is-soċjetà intimata, kienu dawn ir-raġunijiet li wasslu għat-tkeċċija tar-rikorrent mill-impjieg magħha.

## Id-Deċiżjoni Appellata

4. Permezz tad-deċiżjoni mogħtija fid-19 t'April, 2023, it-Tribunal iddeċieda li t-tkeċċija tar-rikorrent mill-impjieg ma kinitx waħda ġusta u skont il-liġi, u għaldaqstant iffissa kumpens fl-ammont ta' disat elef Euro (€9,000) li għandu jitħallas lir-rikorrent mis-soċjetà intimata, u dan wara li għamel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

> *"**Fatti fil-qosor tal-każ***
>
> *L-appellant kien impjegat taħt kuntratt indefinit mas-soċjetà intimata bħala* sales manager *u dan f'Awwissu 2009.*
>
> *Dan l-impjieg ġie mitmum nhar il-25 ta' Marzu, 2014, bis-soċjetà intimata tgħid li dan seħħ minħabba li l-appellant wettaq diversi nuqqasijiet fosthom tbagħbis fir-*records *tal-kumpanija, immaniġġjar ħażin u misapproprjazzjoni tal-flus tal-kumpannija li kienu fdati f'idejh, skartar mhux awtorizzat u nuqqas ta' lealtà lejn il-kumpannija u d-diriġenti tagħha.*
>
> ***Ġabra fil-qosor tax-xhieda***
>
> ***Anthony P. Saliba** xehed li huwa Direttur tas-soċjetà intimata u għandu 50% tax-*shares *tagħha. Qal li l-appellant kien ġie impjegat mas-soċjetà f'Awwissu 2009 fil-bidu bħala* salesperson, *fejn dan kellu jieħu ħsieb l-*outlet *tal-Mosta. Spjega li l-appellant kien responsabbli mill-ħruġ tal-*quotations, invoices*, eċċ. Huwa qal però li dak iż-żmien il-kumpannija kienet stabbilita biss ġewwa Għawdex, però kienet iddeċidiet wara l-fieri li kienu f'Ġunju/Lulju 2009, li tiftaħ* outlet *f'Valletta Road, Mosta. Huwa spjega li l-kumpannija kellha diversi nies iduru Malta jimmaniġġjaw* requests. *Huwa qal li l-kundizzjonijiet tax-xogħol tal-appellant kienu mgħoddija lilu b'mod verbali. Ix-xhud kompla li għal żmien qasir l-appellant kien ikun waħdu f'dan il-lok iżda wara kien ikun hemm impjegati oħra. Ix-xhud kompla li apparti l-paga, l-appellant kien jingħata kummissjoni ta' 1% tas-sales, u jekk kien jagħmel sahra dan kien jitħallas bir-rata ta' 1:1.5.*
>
> *Kompla li l-appellant kien traskurat fejn jidħol l-ippanċjar tal-attendenza tiegħu, fejn ma kienx jippanċja d-dħul/ħruġ tiegħu, saħansitra xi drabi meta kien ikun il-Ġimgħa u ma jsirx* punching *allura kien jidher li x-xogħol baqa' għaddej fil-*weekend. *Ix-xhud qal li dwar dan l-appellant ġieli ġie mwissi b'*emails. *Ix-xhud ta spjegazzjoni dettaljata*

*tas-sistema kompjuterizzata li timmoniterja tali ppanċjar, filwaqt li esebixxa* invoices *relatati mal-liċenzja li titħallas lis-*service provider *tas-*software.

*Huwa spjega li kuntrarju għal ma kien jiġri ma' impjegati oħra lill-appellant ma kinux jinħarġulu* warnings *formali iżda kienet tinġibidlu l-attenzjoni* b'emails *għaliex dak iż-żmien huwa kellu relazzjoni ma' oħt il-mara tiegħu (tax-xhud). Ix-xhud qal li tali attenzjoni kienet tinġibed lill-appellant min-naħa tal-*accounts*, fejn fost impjegati oħra kien hemm il-mara tiegħu (tax-xhud). Ix-xhud semma wkoll li ġieli kienu jiġu ppanċjati* punch-cards *ta' ħaddieħor. Ix-xhud tenna li r-risposti li kien jingħata l-appellant għal tali attirar ta' attenzjoni kienu meqjusa bħala* "... ħafna minnhom skużi banali ...". *Dwar l-ippanċjar ta' impjegati oħra mill-appellant, ix-xhud irrakkonta każ fejn huwa ġie infurmat minn impjegat li kien dieħel tard fil-ħanut u l-*punching *tiegħu kien jidher li kien daħal fil-ħin. Huwa spjega li fil-ħanut kienu jaħdmu l-appellant u dan l-impjegat, u l-appellant "*... kellu aċċess għaċ-ċwievet"*. Huwa kompla li l-attirar tal-attenzjoni tal-appellant u* warnings *kienu jsiru lill-appellant kemm waqt u anke wara li r-relazzjoni bejn l-appellant u oħt il-mara kienet intemmet. Ix-xhud ikkonferma li l-appellant darba kien ħareġ* warning *lill-impjegat Timothy minħabba li dan kien abbuża mis-*sick leave, *iżda spjega li dan seħħ biss wara li huwa (x-xhud) kien ġibed l-attenzjoni tal-appellant.*

*Ix-xhud kompla li fir-rigward tal-*invoices, *kienu joħorġu kollha fuq ismu, fejn dan kien joħloq diżgwid meta tiġi biex tinħadem il-*commission *ta' impjegati oħra. Dwar ir-*receipts, *ix-xhud qal li kien hemm amministrazzjoni ħażina, fejn ġieli nħarġu doppji għall-istess pagament. Ix-xhud qal li dwar dawn in-nuqqasijiet kien jagħmel* one-to-one meetings *mal-appellant. Semma wkoll nuqqasijiet u diskrepanzi li kien jagħmel l-appellant fir-rigward ta'* bank deposits. *Ix-xhud irrijafferma meta mistoqsi mit-Tribunal li kien hemm drabi fejn l-appellant kien jiddepożita l-flus fil-ħin kif suppost, drabi oħra kien jiddepożitahom tard u xi drabi ma kinux jiġu depożitati kollha. Ix-xhud qal li dwar tal-aħħar ma kienx għamel rapport lill-Pulizija. F'dan ir-rigward ix-xhud ippreżenta dokumenti u ta spjegazzjoni dwarhom.*

*Ix-xhud kompla li meta kienet tinġibed l-attenzjoni min-naħa tal-*accounts, *l-aġir tal-appellant kien ikun ripulsiv. Ix-xhud semma ukoll żbalji li kienu jsiru mill-appellant fejn kienu jidħlu kwantifikazzjonijiet ta' materjal u rifużjonijiet fuq il-prezz tal-istimi mwiegħda lill-klijenti.*

*Dwar dan ix-xhud ippreżenta dokumenti u ta spjegazzjoni dettaljata tagħhom fejn il-kumpannija kellha saħansitra tirrifondi flus lill-klijenti. Ix-xhud sostna li apparti l-isem ħażin li ngħatat il-kumpannija kaġun ta' dawn l-iżbalji, inħlew bosta sigħat ta' xogħol mid-dipartiment tal-accounts sabiex dawn ġew identifikati.*

*Ix-xhud wara rrefera wkoll għal drabi fejn l-appellant kien jitlaq mill-*premises *bla ma javża lil ħadd. Saħaq li dan kien isir mill-anqas darbtejn kuljum u kien iħalli l-*cash *miftuħ, bil-kompjuter 'on' u l-programmi li kellu aċċess għalihom hu biss miftuħin.*

*Dwar dan in-nuqqas fejn l-appellant kien iħalli l-kompjuter miftuħ bl-aċċess għal data sensittiva, ix-xhud qal li ma jiftakarx jekk kienx kellem lill-appellant dwar dan. Dan in-nuqqas kien ikun magħruf għaliex fil-*premises *hemm installati CCTVs.*

*Ix-xhud qal li huwa ltaqa' diversi drabi mal-appellant fejn wissieh dwar dawn in-nuqqasijiet u dan għamlu kemm fl-*outlet *tal-Mosta u anke fl-uffiċċju personali ġewwa Għawdex. Ix-xhud spjega li dawn in-nuqqasijiet kienu jinvolvu diskrepanzi fuq depożiti ta' flus, problemi ta'* punching in *u* out *fir-rigward ta' attendenza, ftuħ tard tal-*outlet*,* cash flow *ma jaqbilx, eċċ.*

*Dwar id-diskrepanzi fil-*cash flow*, ix-xhud ippreżenta numru ta' dokumenti bħala eżempji. L-istess għamel fir-rigward tal-*punching*, fejn spjega li tali nuqqasijiet kienu jikkaġunaw problemi meta kienu jinħadmu l-pagi tal-appellant stess. Ix-xhud tenna li tali twissijiet kienu jsiru verbalment, però esebixxa emails fejn kienet tinġibed l-attenzjoni tal-appellant dwar in-nuqqasijiet riferuti.*

*Ix-xhud wara għadda sabiex jispjega r-responsabbiltajiet li kellu l-appellant bħala l-*branch manager. *Ix-xhud qal li wara xi żmien kienu ċċaqilqu fl-*outlet *li kien jinsab f'Eucharistic Congress Road, Mosta fejn Timothy Jones kien* salesperson. *Huwa spjega li l-appellant kien jipprepara x-xogħol li kellu jagħmel Jones.*

***Elton Cachia*** *li ilu jaħdem mas-soċjetà intimata sa minn Novembru 2013 bħala* Salesman/Office Assistant *u dan fl-uffiċċju/*showroom *tal-Mosta, fejn dam f'dan l-impjieg madwar 4 snin. Huwa qal li kienu tliet impjegati, fejn hu u Julio l-appellant bħala* branch manager *kienu jkunu fuq ġewwa u wieħed fuq barra. Ix-xhud għadda sabiex jispjega sa fejn tasal ir-responsabbilità fix-xogħol tiegħu u sa fejn tasal tal-appellant bħala* manager*, fejn semma li l-appellant kien jieħu ħsieb il-ftuħ u l-għeluq tal-*premises *u anke jiddepożita l-flus li jkunu nġabru mill-klijenti u jimla applikazzjonijiet relatati max-xogħol. Ix-xhud spjega li meta kien ikollu bżonn jillarga xi ftit mill-uffiċċju huwa kien jitlob il-permess tal-appellant bħala* manager. *Meta l-appellant kien iwarrab xi ftit huwa kien jinfurmah li ser jillarga. Ix-xhud spjega li meta kien jinqala' xi klijent fl-assenza tal-appellant huwa kien jipprova jaqdih milli kien jaf u meta ma kienx ikun jaf kien iċempel f'uffiċċju ieħor jew iċempel lill-istess appellant għad-direzzjoni neċessarja. Ix-xhud qal li l-frekwenza tal-illargar mill-appellant ma kinitx kostanti, xi drabi kien jillarga spiss u xi drabi kultant, fejn xi drabi fit-tul u xi drabi għal ftit ħin, kompla x-xhud. Ix-xhud spjega li llum ir-responsabbilità tax-xogħol fil-*

*branch tal-Mosta hija f'idejh. Ix-xhud spjega l-aċċessi għall-programmi tal-kompjuter li għandu llum li huwa* manager *bħal per eżempju s-*Sage *u li ma kellux aċċess għalihom qabel u dan għaliex ma kienx jokkupa l-kariga maniġerjali iżda kien l-appellant li kien jokkupaha.*

*Huwa tenna li minkejja li kien beda jagħmel dawn id-doveri huwa baqa' fl-istess grad u bl-istess salarju.*

*Ix-xhud spjega li meta qabad jaħdem hu, is-sistema użata sabiex tkun rekordjata l-attendenza kienet billi filgħodu kienu jiftħu l-kompjuter u jippanċjaw l-ID card no. u li din il-proċedura kienu jirrepetuha kull darba li kienu jillargaw mill-uffiċċju inkluż qabel ma jkunu sejrin id-dar meta jispiċċaw mix-xogħol. Huwa tenna li ma jiftakarx jekk mal-ID no. kinux jinputjaw xi* password. *Ix-xhud kompla li xi sena wara li kien spiċċa mill-impjieg l-appellant, mas-soċjetà intimata kien qabad jaħdem magħhom ħuh Franklyn bħala* salesman.

***Gino Spiteri** xehed li huwa klijent tas-soċjetà intimata. Huwa qal li huwa u ħuh għandhom fabbrika tal-irħam f'Ħaż-Żebbuġ u kienu ltaqgħu ma' Julio Azzopardi l-appellant għaliex kienu mħajrin jagħmlu l-pannelli fil-fabbrika. Ix-xhud kompla li wara li kienu tkellmu ma' Azzopardi u dan min-naħa tiegħu kien tahom kemm stima tal-ispiża u anke li dawn il-pannelli kellhom jagħtu 7,000 units.*

*Ix-xhud esebixxa wkoll kopja tal-*quotation *li kien għaddielhom Azzopardi. Ix-xhud qal li meta kien għamel* reading *sabiex jiċċekkja kemm kienu qed jagħtu* units *dawn il-pannelli, huwa sab li dawn kienu jagħtu ferm anqas minn 7,000 unit li kien imwiegħed minn Azzopardi. Ix-xhud kompla li wara xi żmien kien irnexxielu jitkellem ma' Azzopardi fejn dan kien infurmah li ma kienx għadu jaħdem mas-Solar.*

*Ix-xhud qal li Azzopardi kien qallu li huwa bħala impjegat kien ikun imġiegħel jgħid hekk sabiex ibiegħ.*

*Ix-xhud kompla li meta kien jitkellem ma' impjegat ieħor jismu Elton dwar din id-diskrepanza dan kien jgħidlu biex jieħu paċenzja u jagħti ċans sena lill-pannelli jaħdmu. Ix-xhud kompla li meta għamel* reading *ieħor fl-20 ta' Jannar dawn kienu qed jagħtuh madwar 5,400 unit.*

*Ix-xhud spjega kif kien sarlu xogħol tal-ħadid sabiex jiġu installati l-pannelli. Huwa qal li meta tawh stima tal-istruttura tal-ħadid kienu tawh prezz ta' €165, però spiċċa ħallas €365.*

***Owen Ellul** xehed li huwa* Project Officer *mal-Malta Resources Authority. Ix-xhud għadda sabiex jagħti spjegazzjoni ta' x'tagħmel l-Awtorità meta din tirċievi*

*applikazzjoni għall-installar ta' pannelli fotovoltajċi, u kif tiġi ttrattata d-dikjarazzjoni li jkun għamel tal-ħanut dwar kemm* units *tali apparat jiġġenera. Spjega wkoll kif mal-klijent li għandu jkun ġie installat l-apparat jiġu diskrepanzi li jkun hemm fid-dikjarazzjoni mal-ammont ta'* units *li fil-fatt ikun qed jiġġenera l-apparat.*

***Patrick Grech*** *xehed li huwa u l-mara f'April/Mejju 2013 kienu ordnaw sistema ta'* PVs *mingħand is-soċjetà intimata. Qal li dan kienu għamluh mill-ħanut tal-Mosta u li kienu ġew moqdija mill-appellant. Ix-xhud wara għadda sabiex jagħti spjegazzjoni ta' x'tip ta' apparat kienu ordnaw. Qal li meta huma għamlu l-ordni ġew mitluba jħallsu €200 bħala depożitu. Kompla li wara kien ġie impjegat tal-kumpannija fejn kien ħa xi qisien fejn kienet ser issir l-installazzjoni u wara ġie fornut bi stima ta' €5,700.*

*Ix-xhud wara ta rendikont tal-problemi li kellu għaliex il-pannelli ġew installati b'mod difettuż għaliex kienu qed joħolqu dellijiet fuqhom stess. Qal li dan id-difett kien dam minn Ottubru sa Diċembru sabiex ikun irranġat. Qal li meta ġie biex jissettilja l-pagament, kien ġie mitlub biex iħallas l-ammont kollu ta' €5,700. Ix-xhud qal li lilu kienu qalulu li l-€200 li kien ħallas bħala depożitu kienu ser ituhomlu wara.*

*Ix-xhud kompla li iżda meta talabhom kienu qalulu li mhux ser jeħodhom għaliex kienu bagħtulu l-impjegati erba' darbiet. Ix-xhud qal li biex ħa lura l-€200 kellu jiftaħ każ quddiem it-Tribunal tal-Konsumatur. Ix-xhud qal li meta kien iċempel dwar l-ilmenti tiegħu huwa xi drabi kien ikellmu l-appellant jew wieħed jismu Joseph. Ix-xhud qal li l-problemi li kellu mal-kumpannija kienu dwar l-aspetti tekniċi u lill-appellant kien ikellmu biss bħala* salesman.

***Nathalie Saccasan*** *xehdet li kienu applikaw sabiex ikollhom installata sistema ta' pannelli* PV. *Ix-xhud għaddiet sabiex tagħti spjegazzjoni ta' ilmenti li kellha mal-kumpannija.*

*Bdiet billi qalet li kienu ordnaw ix-xogħol f'Awwissu 2013 u l-installazzjoni kellha ssir fi Frar 2014. Qalet li l-impjegati li kienu ġew jagħmlu l-installazzjoni kienu żgħar fl-età u dehru li ma kellhomx esperjenza tax-xogħol. Spjegat li kaġun ta' xogħol difettuż kull darba kienet tittripja s-*salvavita.

*Qalet li minkejja diversi telefonati, fejn identifikat lil xi ħadd jismu Elton, ma ġewx jirranġaw id-difett, fejn qalet li kellhom iqabbdu* electrician *privat. Hija qalet li mal-appellant kienu riedu jitkellmu biss biex jiċċaraw xi affarijiet iżda kienu infurmawhom li ma kienx għadu jaħdem magħhom.*

***Margie Saliba*** *xehdet li hija waħda mill-Bord tad-Diretturi tal-kumpannija u tieħu ħsieb l-*Administrational Accounts *tagħha. Spjegat li l-appellant ħadem mal-kumpannija bejn l-2009 u l-2014, fejn kien impjegat bħala* Sales Manager

*b'responsabbilità għat-tmexxija tal-*outlet *fil-Mosta. Spjegat li din ir-responsabbilità kienet tinvolvi li jiltaqa' man-nies, jagħmel* site visits, *jieħu* deposits, *jagħmel is-*sales *u doveri oħra bħala* sales manager. *Qalet li għall-ewwel erba' snin kien waħdu fl-*outlet *u wara ġiet impjegata persuna f'kariga inferjuri bħala* Sales Executive.

*Ix-xhud spjegat f'ċertu dettall nuqqasijiet fix-xogħol li kien jagħmel l-appellant. Spjegat li minkejja li diversi drabi kienet tinġibidlu l-attenzjoni kemm bit-telefon u anke bl-*emails *għaliex ma kienx jiddepożita fil-ħin il-flus fl-aħħar tal-ġurnata kif suppost kellu jagħmel, fejn ġieli ddepożitahom wara 5/10 ijiem. Ix-xhud qalet li dwar dawn in-nuqqasijiet kienet toqgħod lura milli tinforma bihom lil żewġha li wkoll kien Direttur u dan sabiex ma tfixkilx ir-relazzjoni li l-appellant kellu m'oħtha.*

*Ix-xhud spjegat ukoll in-nuqqasijiet li huwa kien jagħmel fir-rigward ta' reġistrar tas-*sales *li jkunu saru. Dan kien ikun skopert meta jsir l-i*stocktaking *u t-tqabbil tar-*receipts. *Fejn allura kien ikun ġie skopert li sar* sale *però l-flus ma daħlux għand il-kumpannija. F'dan l-isfond ix-xhud tat diversi eżempji fejn esebiet* receipts *li kienu jindikaw* sales *mhux reġistrati fuq id-*daily sheet *u lanqas sar depożitu tal-flus.*

*Ix-xhud spjega fid-dettall nuqqasijiet fir-rigward tal-immaniġġjar tal-*cashflow. *Hija qalet li dawn in-nuqqasijiet ippersistew snin minkejja li diversi drabi kemm hi u anke żewġha kienu jwissuh verbalment u anke b'*emails *li l-affarijiet ma setgħux jibqgħu sejrin hekk. Qalet li dwar dawn l-affarijiet żewġha ġieli ltaqa' mal-appellant.*

*Wara x-xhud għaddiet sabiex tispjega kif l-appellant ma kienx jipproċessa l-applikazzjonijiet tal-klijenti fir-rigward tas-sussidju mill-MRA relatat mal-installar tal-pannelli. Dan minkejja li l-klijenti kienu jagħmlu depożitu mal-kumpannija. Spjegat li tali nuqqasijiet min-naħa tal-appellant kien iwassal sabiex il-klijenti jitilfu tali sussidju. Hija esebiet dokumenti relatati ma' dawn in-nuqqasijiet.*

*Hija spjegat li fil-każi fejn il-klijenti tilfu ċ-ċans tas-sussidju kellu jiġi rifondut id-depożitu u konsegwentement intilef mhux biss il-bejgħ, iżda l-apparat li kien ġie ordnat jibqa' mhux użat fl-istore. Ix-xhud esebiet dokumenti relatati ma' xi każi minn dawn.*

*Ix-xhud spjegat ukoll dwar nuqqasijiet fl-osservanza tal-proċeduri min-naħa tal-appellant fir-rigward tal-ippanċjar tal-attendenza. Stqarret li minkejja li kienet tinġibidlu l-attenzjoni xorta waħda ma kienx jippanċja l-attendenza tiegħu kif suppost, u dan bil-konsegwenza li kien joħloq ostakoli fil-ħdim tas-salarju tiegħu. Spjegat li minħabba dawn in-nuqqasijiet f'dan ir-rigward huma kienu jimmoniterjaw l-attendenza tiegħu permezz tas-CCTV* camera *li kienet installata fl-*outlet. *Kompliet li fl-2014, mis-CCTV kienu ttendew li xi drabi huwa kien jillarga mill-ħanut u jħallih*

unattended *ġieli anke għal ħmistax (15)-il minuta. Spjegat li f'xi drabi ħaslu daħlu klijenti u kien ikollhom iċemplulu fuq il-*mobile *sabiex jirritorna fil-ħanut għaliex kien ikun hemm in-nies.*

*Ix-xhud tenniet li meta kienet tinġibed l-attenzjoni tal-appellant dwar dawn in-nuqqasijiet kien jgħajjat magħha u ma kienx jikkopera ma' membri ta' staff oħrajn. Dan wassal sabiex fl-aħħar kellha tgħid b'kollox lil żewġha sakemm wara ttieħdet id-deċiżjoni li jintemmlu l-impjieg minn magħhom.*

***Ryan Aquilina** xehed li huwa kien klijent tal-kumpannija u li mingħandha kien għamel installazzjoni ta' sistema ta' pannelli solari. Ix-xhud kien qal li huwa u l-kunjatu tiegħu li kien joqgħod viċin ħafna tiegħu kienu għamlu l-istess installazzjoni b'numru ugwali ta' tnax-il pannella fuq l-istess bejt. Ix-xhud qal li x-xogħol kien ġie ordnat mill-*outlet *tal-Mosta fejn kienu nqdew mill-appellant. Huwa spjega li filwaqt li l-istima kienet saret b'mod, meta ġew fuq il-lok, ġie miftiehem li x-xogħol seta' jkun modifikat b'tali manjiera li jsir simili bħall-installazzjoni li kienet saret qabel u minħabba f'hekk il-prezz ġie mnaqqas għaliex kien ser jintuża anqas materjal.*

***Julio Azzopardi** beda billi qal li qabad jaħdem mas-soċjetà intimata fit-tielet ġimgħa t'Awwissu 2009. Huwa spjega li dan kien seħħ wara li huwa kien f'relazzjoni ma' oħt il-mara ta' sid il-kumpannija. Qal li kien beda minn ħanut żgħir fil-Mosta fil-bidu bħala* Sales Rep *u wara meta daħlu fl-impjieg oħrajn u li kien responsabbli għalihom hu sar* manager *tal-ħanut.*

*Huwa kompla li fir-rigward ta' dan l-impjieg qatt ma sarlu kuntratt tax-xogħol, u lanqas ma ngħata xi ħaġa bil-miktub meta ġie promoss. Huwa qal li meta ngħata l-inkarigu ta'* Sales Executive/Manager *huwa kien iltaqa' madwar mejda mas-Sur Saliba fejn huwa kien fiehmu r-responsabbiltajiet ġodda. Huwa qal li fil-bidu huma kienu ftiehmu fuq paga li kienet madwar €700 fix-xahar u 2% sales commission. Iżda maż-żmien din il-paga żdiedet għal €800 u wara €1,000, iżda ma jitħallasx tas-sahra. Huwa qal li meta spiċċa mill-impjieg is-salarju kien ta' €1,500 fix-xahar. Ix-xhud tenna li dwar tali awmentar fis-salarju qatt ma kien isir xejn bil-miktub.*

*Ix-xhud wara ta spjegazzjoni sħiħa tal-irwol li kellu fejn kien jieħu ħsieb l-amministrazzjoni sħiħa tal-ħanut. Huwa kompla li fl-2012 imxew lejn* showroom *ġdida fejn apparti l-*main business *tas-*solar panels *bdew ibiegħu wkoll* appliances *bħal geysers, cookers, etc.*

*Huwa spjega li fir-rigward tas-*solar panels *ġewwa Malta x-xogħol kollu tal-applikazzjonijiet kien jagħmlu hu. Kompla billi ta spjegazzjoni sħiħa dwar ix-xogħol li jrid isir tad-dokumentazzjoni konnessi mal-installazzjoni u mal-entitajiet konnessi*

*bħar-REWS. Huwa spjega li l-ħlas konness min-naħa tal-klijent kien irid isir permezz ta' ċekk jew* bank transfer *indirizzat lil Solar Engineering Limited. Huwa wara spjega li dan kien isir biss fir-rigward ta'* sales *ta' pannelli solari għaliex fuq* sales *oħra ta'* appliances *seta' jsir ħlas bi flus kontanti.*

*Ix-xhud wara għadda sabiex spjega kif kien isir il-*punching *tal-attendenza fejn qal li dan kien isir billi l-impjegat ipoġġi subgħajh. F'dan il-kuntest huwa tenna li lilu dan ma tantx kien jaffettwah għaliex is-salarju tiegħu kien fiss u ma kienx jitħallas tas-sigħat żejda li seta' jkun għamel.*

*Wara x-xhud għadda biex spjega r-relazzjoni tiegħu ma' membri oħra tal-*management *fejn issemmiet il-mara tas-Sur Saliba (id-Direttur u s-sid). Ix-xhud kompla li sa Marzu 2013 ma kienx ikollu problemi mas-Sinjura Saliba iżda meta huwa (ix-xhud) spiċċa mir-relazzjoni li kellu ma' oħtha (2009-2013) l-affarijiet inbidlu fejn minkejja li kien iċemplilha fuq xogħol hija ma kinitx tirrispondieh, iżda kienet iċċempel lil xi impjegat ieħor biex tara x'ried.*

*Ix-xhud kompla fejn semma episodju li kien seħħ fil-25 ta' Marzu, 2014, fejn hija kienet ordnatlu biex iżomm kopja tal-ID cards tal-klijenti li jiġu u huwa ma aċċettax, u fejn talabha li jekk ser tordnalu tagħtih tali ordni permezz ta'* email*.*

*Huwa spjega li meta minħabba dokumentazzjoni kien ikun hemm il-ħtieġa li tintbagħat kopja tal-ID tal-klijent din kienet issir jew mill-klijent stess jew kien jibgħat kopja hu stess iżda quddiem il-klijent. Huwa saħaq li qatt ma żamm kopji tal-IDs tal-klijenti għax skont hu dan kontra l-liġi. Spjega li s-Sinjura Saliba dwar kif żviluppat din l-*issue *qabdet tibki u sabbtet it-telefon. Huwa qal li dak kien il-jum li huwa twaqqaf mix-xogħol.*

*Huwa kompla li għal xi 17.00 daħal is-Sur Saliba fejn qallu li ma jistax ikun jibqgħu jaħdmu flimkien u qallu li kien lest itih xahrejn paga u jitlaq dak il-ħin stess. Ix-xhud qal li kien wieġbu li huwa ma kienx lest li jitlaq hu.*

*Ix-xhud qal li r-relazzjoni tiegħu mas-Sur Saliba kienet waħda pjuttost tajba fejn kienu jitkellmu kuljum, u qatt ma kien hemm xi problemi kbar għajr f'xi instanzi żgħar.*

*Huwa qal li qabel dak il-jum beda jħoss li ġejja t-terminazzjoni tiegħu. Huwa spjega li lejn Novembru 2013 kien ġie ingaġġat Elton Cachia sabiex jgħin fil-ħdim tad-dokumentazzjoni konnessi mal-*grants *u xi ġimagħtejn wara ġie ngaġġat ħuh ukoll, iżda reġa' telaq appena ċempillu s-Sur Saliba.*

*Huwa spjega li fil-fehma tiegħu (tax-xhud) tali ingaġġ ma kienx jagħmel sens, ġaladarba l-iskema tal-*grants *kienet ser tispiċċa f'Diċembru ta' dik is-sena. Huwa*

*kompla li eventwalment l-iskema ġiet imġedda sa Marzu 2014 jew sakemm jiġu eżawriti l-fondi kollha allokati.*

*Ix-xhud qal li fil-fehma tiegħu dawn kienu ser jiġu ingaġġati minfloku kif fil-fatt ġara. Huwa stqarr li bħala* Manager *qatt ma kien ser jiġi kkonsultat bl-ingaġġ ta' Elton Cachia kuntrarju għall-ingaġġi preċedenti ta' persuni oħra.*

*Ix-xhud stqarr li huwa qatt ma kien jingħata* payslips *mas-salarju u lanqas FS3. Huwa tenna li meta kien għadu fl-impjieg u kien mar jiċċekkja l-affarijiet ma' tat-Taxxa, huwa sab li l-bolla kienet qed titħallaslu bil-baxx. Huwa spjega li kien tkellem mal-Uffiċjal tal-Income Tax is-Sur Delmar, fejn waqt li kien quddiemu kien ċempel lis-Sur Saliba u dan qallu li kien ser jirranġa l-affari. Huwa qal li affarijiet relatati mal-*Income Tax *kien iħallihom f'idejn is-Sur Saliba.*

*Ix-xhud qal li fil-fehma tiegħu l-impjieg tiegħu kien ġie mitmum mis-Sur Saliba għaliex huwa (ix-xhud) meta s-Sinjura Saliba kienet "...* kienet ordnatli nagħmel frodi mill-klijenti, inżommu ċerta dokumenti tal-klijenti u jiena għidtilha agħmilhieli bil-miktub."

*Ix-xhud qal li llum huwa jaħdem ma' Sunsource Trading Ltd., bħala* salesperson, *u fejn beda f'tali impjieg wara li spiċċa minn ma' Solar.*

***Sintesi tat-trattazzjonijiet tal-każ***

***Avv. Mario Scerri*** *għan-nom tas-soċjetà intimata beda t-trattazzjoni tiegħu billi qal illi filwaqt illi matul ċertu żmien illi l-appellant kien impjegat mal-kumpannija huwa kien joħroġ ma' oħt il-mara tad-Direttur Saliba u huwa kien ħa ċertu arja fil-konfront tad-diriġenti tal-kumpannija għalkemm kienu jiġu ttollerati u qatt ma ħarġu twissijiet formali, l-appellant kien wera ċertu intransiġenza.*

*Wara l-Avv. Scerri għadda sabiex ta xi eżempji ta' nuqqasijiet li għalihom kienet tinġibidlu l-attenzjoni. Huwa qal li filwaqt li d-Diretturi Saliba kellhom* 'mod u mod' *kif dak iż-żmien kienu jiddiljaw jew jittrattaw mal-appellant, hu kien jieħu aktar arja. L-Avv. Scerri saħaq illi ma kinitx biss il-ksur tar-relazzjoni li l-appellant kellu ma' oħt il-mara tad-Direttur Saliba iżda dan wasslet biex in-nuqqas ta' rispett u ubbidjenza lejn il-Prinċipal sar aktar evidenti, u fejn allura t-tkeċċija ma kinitx kapriċċjuża għaliex ir-relazzjoni mad-diriġenti kienet waħda peġġuri.*

*L-Avv. Scerri għalaq billi ssottometta illi fl-assjem tal-provi t-tkeċċija ma kinitx waħda inġusta u barra minn hekk xi ġimgħa wara li l-impjieg tal-appellant ġie mitmum huwa sab impjieg ieħor u għadu hemm sal-lum.*

***Avv. Andrew Grima*** *għan-nom tal-appellant beda l-argumenti tiegħu billi qal illi minkejja li min-naħa tas-soċjetà intimata ppreżentaw* 'balla dokumenti dawn ma

jinkludux l-allegazzjonijiet ta' nuqqasijiet li xlew bihom lill-appellant bħal serq u li pprova jiddebita ruħhu minn commissions ta' ħaddieħor.'

*L-Avv. Grima saħaq illi minkejja li tissemma arroganza u arja min-naħa tal-appellant lejn id-diriġenti tal-kumpannija provi konkreti ta' dan quddiem it-Tribunal ma tressqux. L-Avv. Grima għamel referenza għall-mod kif inbdiet u żviluppat ir-relazzjoni lavorattiva tal-appellant mas-soċjetà intimata, fejn dan lanqas ingħatalu kuntratt ta' xogħol, taħwid fejn jidħlu ħlasijiet.*

*F'dan l-ambitu l-Avv. Grima rrefera wkoll għall-fatt illi d-deċiżjoni illi jitkeċċa l-appellant saret f'Marzu 2014 iżda t-*termination *uffiċjali tindika li t-temm tal-impjieg sar f'Mejju. L-Avv. Grima argumenta li jekk l-appellanti kien tant arroganti u li kien qed jisraq, jew hemm xamma ta' frodi kellu jitkeċċa* 'there and then' *u mhux jitħallas tan-*notice.

*L-Avv. Grima għalaq billi qal li l-appellant dam xahrejn sa ma sab impjieg ieħor u dan b'inqas paga.*

***Konsiderazzjonijiet tat-Tribunal***

*Fid-deliberazzjoni tiegħu tal-fatti li ħarġu minn dan il-proċess, dan it-Tribunal ma jistax ma josservax l-evalwazzjoni kontrastanti taż-żewġ partijiet ta' kif b'mod ġenerali jiddeskrivu din l-esperjenza lavorattiva. Esperjenza lavorattiva li kienet effettwata bis-sħiħ mill-fatt li l-appellant kien f'relazzjoni intima ma' oħt waħda mid-Diretturi Margie Saliba. Tant din ir-relazzjoni kellha effett li d-Direttur Anthony Saliba fix-xhieda tiegħu stqarr li l-appellant kien jaħdem magħhom mingħajr kuntratt tax-xogħol* "... ma kienx hemm contract agreement" *u meta t-Tribunal staqsa b'mod dirett dwar il-kuntratt tax-xogħol ir-risposta kienet* "... Le. Dana kellu relazzjoni ma' oħt il-mara tiegħi u bażikament aċċettajna bħala ta' ġewwa ħa ngħidu hekk ... li ma sarlux."

*Huwa ċar għal dan it-Tribunal illi sakemm din ir-relazzjoni kienet tajba l-affarijiet kienu jimxu pjuttost mingħajr problemi iżda malli din ir-relazzjoni ntemmet beda ġej il-mewġ u dan b'mod partikolari bejn id-Direttriċi Margie Saliba u l-appellant.*

*Min-naħa tas-soċjetà intimata tagħti stampa li l-appellant kien impjegat kemmxejn problematiku u li l-andament fil-qadi ta' dmirijietu kien miżgħud b'diversi nuqqasijiet u kwistjonijiet. U mill-banda l-oħra l-appellant jirrakkonta kif l-operat tiegħu diversi drabi kien ikun imxekkel minn indħil familjari u minn deċiżjonijiet u direzzjonijiet amministrattivi mhux dejjem tajba.*

*Min-naħa tas-soċjetà intimata jingħad illi diversi drabi kienet tinġibed l-attenzjoni tal-appellant għal xi nuqqasijiet. Dwar dan, fix-xhieda tiegħu d-Direttur Anthony Saliba jgħid illi "...* iżda kuntrarju għal ma kien jiġri ma' impjegati oħra lill-appellant ma kinux jinħarġulu *warnings* formali iżda kienet tinġibed l-attenzjoni b'emails għaliex dak iż-żmien huwa kellu relazzjoni ma' oħt il-mara tiegħi."

*Dwar dan ukoll, id-Direttriċi Margie Saliba xehdet "...* jien ħafna drabi kont niġbidlu l-attenzjoni. Kont naf bihom jien stess, jiena u hu biss ... jiena kont noqgħod lura ħafna milli nsemmi ħalli ma nfixkilx fir-relazzjoni tagħhom ... ma nitkellimx la mar-raġel u lanqas ma' oħti."

*F'dan l-ambitu dan it-Tribunal jagħmilha ċara li hemm distinzjoni netta bejn li tinġibed l-attenzjoni sabiex ix-xogħol isir aħjar u l-għoti ta' twissijiet għal nuqqasijiet grossolani fejn ripetizzjoni tagħhom tista' twassal għat-temm tal-impjieg.*

*It-Tribunal wasal għall-fehma, li l-mod kważi indulġenti min-naħa tal-*management *fuq medda ta' snin għall-aġir meqjus bħala għan-nuqqasijiet imwettqa min-naħa tal-appellant, jista' jkun li bdiet tiġi interpretata mill-istess bħala żelqiet minuri.*

*Mingħajr ma jkun qed jiġi osservat, rispons leġġer min-naħa tal-*management *fil-konfront ta' nuqqasijiet ripetittivi, jkun qed jattenwa l-kolpevolezza, u dan għaliex ġialadarba dejjem* "qed tkun lenjenti ma jkunx ġustifikat li meta tkun komdu tfaqqa' kastigi ħorox."

*Jidher ċar li meta konvenjentement dehrilhom id-Diretturi, b'mod indulġenti ħafna kienu jittrattaw ċertu nuqqasijiet b'mod leġġer iżda meta tali konvenjenza ma baqgħetx teżisti n-nuqqasijiet bdew jiġu meqjusa tant gravi li saħansitra ttieħdet id-deċiżjoni li ntemm l-impjieg. Dan it-Tribunal jemmen illi sakemm l-appellant kien għadu f'relazzjoni ma' oħt id-Direttriċi Margie Saliba l-ebda komportament ma kien jikkostitwixxi nuqqas gravi* "għaliex kien meqjus bħala wieħed ta' ġewwa"*, iżda malli din ir-relazzjoni spiċċat il-pożizzjoni lavorattiva tiegħu saret insostenibbli. Id-dixxiplina lavorattiva ma tistax titħaddem bis-*switch.

*Tramite dan it-twemmin, dan it-Tribunal huwa konxju li s-sid ta' kull intrapriża għandu l-fakultajiet amministrattivi li jikkreja ċirkostanzi opportuni u li permezz tagħhom itemm impjieg ta' xi dipendent minn tiegħu, però dan il-pass iġorr miegħu ukoll konsegwenzi mhux sbieħ, meta tali deċiżjonijiet ma jkunux ibbażati fuq nuqqasijiet gravi attribwiti lejn l-impjegat u li jkunu suffiċjenti li jingħata liċenzjament, meqjusa fil-kamp tad-dixxiplina lavorattiva bħala l-piena kapitali.*

*Dan it-Tribunal jemmen illi d-dritt tax-xogħol huwa sagrosant u għandu jiġi rispettat sija min-naħa tal-impjegat kif ukoll min-naħa ta' min iħaddem. L-impjieg huwa stitut serjissimu fejn tiġi involuta r-relazzjoni umana.*

*Il-kompitu ta' dan it-Tribunal kien wieħed u ċjoe li jara jekk it-temm tal-impjieg tal-appellanti sarx għal raġunijiet ġusti.*

***Deċiżjoni***

*It-Tribunal ma ġiex konvint li d-deċiżjoni tas-soċjetà intimata li ttemm l-impjieg tal-appellant kienet waħda bbażata fuq raġunijiet li kienu jimmeritaw liċenzjament, iżda huwa moralment konvint li tali deċiżjoni kienet xprunata minn ċirkostanzi li jmorru lil hinn minn dak li kien iseħħ fuq il-post tax-xogħol.*

*Tenut kont taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ kif ġew esposti f'dan il-proċess, it-Tribunal jaqta' u jiddeċiedi li t-terminazzjoni tal-impjieg tal-appellanti ma kinitx waħda ġusta.*

*F'dan il-kuntest it-Tribunal jiffissa kumpens dovut lill-appellant fis-somma ta' €9,000, liema ammont irid jitħallas mis-soċjetà intimata fi żmien sitt ġimgħat minn din id-deċiżjoni.*

*Dan il-kumpens kien motivat minn konsiderazzjoni xierqa tal-fatt li d-durata tal-impjieg mas-soċjetà intimata kienet ta' kważi ħames snin, dam bla xogħol għal xahar, u li huwa jippossjedi l-esperjenza neċessarja li ċertament jagħmluha mhux diffiċli li jerġa' jikseb impjieg b'kundizzjonijiet komparabbli ma' dak li kellu mas-soċjetà intimata.*

*Dan it-Tribunal ħa konjizzjoni wkoll tad-deċiżjonijiet mogħtija mill-Qorti tal-Appell Sede Inferjuri per Imħ. Anthony Ellul fosthom Carmel Borg vs MPTSOL deċiża nhar it-8 ta' Marzu, 2019 u Publius Davison vs De La Rue Currency & Security Printing deċiża mill-istess fit-23 t'April, 2018 fejn ġie stabbilit li: "*Fil-likwidazzjoni tal-kumpens fl-ambitu tal-Art. 81(2) Kap. 452, it-Tribunal għandu diskrezzjoni, u fejn din trid tkun proporzjonata jew raġonevoli", *u "*li l-Arbitru tat-Tribunal għandu jkun wieħed boni viri bbażat fuq apprezzament ekwu skont il-mudell tal-bonus paterfamilias."

*Għall-finijiet tal-Avviż Legali 48 tal-1986, dan it-Tribunal jistabbilixxi d-drittijiet ta' min assista l-partijiet fl-ammont ta' €93.17.*

*B'hekk tintemm din il-kwistjoni ta' xogħol."*

**L-Appell**

5. Fir-rikors tal-appell imressaq mis-soċjetà appellanta fit-28 ta' April, 2023, hija talbet lil din il-Qorti tilqa' l-aggravji tagħha, u konsegwentement tħassar, tirrevoka u tannulla d-deċiżjoni tat-Tribunal Industrijali tad-19 ta' April, 2023, u taqta' l-kawża billi tilqa' l-eċċezzjonijiet tas-soċjetà appellanta li t-tkeċċija tal-appellat mill-impjieg saret għal raġunijiet validi u suffiċjenti skont il-liġi.

6. Fl-ewwel aggravju tagħha, is-soċjetà appellanta qalet li t-Tribunal naqas milli jikkonsidra l-obbligi tal-appellat fil-konfront tal-prinċipal fil-qadi tad-dmirijiet tiegħu. Qalet li t-Tribunal ma kienx korrett meta ma qiesx li t-twissijiet li ngħata l-appellat mill-kumpannija kienu twissijiet formali, speċjalment meta hija ġabet provi li l-appellat kien iġib ruħhu b'mod insubordinat fil-konfront tal-*management* tal-kumpannija, u tal-mod ħażin li bih kien jopera fil-ħanut, inkluż fejn jidħlu l-flus u l-immaniġġjar tal-*cash flow.* Qalet li kien hemm episodji fejn intalbu *commissions* mill-appellat u minn sieħbu fl-istess waqt għall-istess klijenti għall-bejgħ li kien isir mill-istess ħanut, kien hemm użu ħażin tal-*istaff attendance device* meta l-appellat kien jirrapporta għax-xogħol jew jitlaq minn fuq ix-xogħol, u kien hemm episodji ta' skartar mhux awtorizzat minn fuq il-post tax-xogħol fil-ħin li fih il-ħanut kien miftuħ għall-pubbliku. L-appellanta qalet ukoll li l-appellat kien jinqabad jagħmel dan mis-sistema ta' CCTV li kien hemm installata fil-ħanut, u wara li l-appellat temm ir-relazzjoni li kellu ma' oħt waħda mid-diretturi tal-kumpannija, l-attitudni tiegħu fuq il-post tax-xogħol kompliet marret għall-agħar. L-appellanta qalet li filwaqt li meta kienet għadha għaddejja r-relazzjoni ma' oħt id-direttur Margie Saliba, l-appellat kien jabbuża mill-grad ta' familjarità li kellu mad-diriġenti tal-kumpannija, wara li ntemmet din ir-

relazzjoni, huwa beda jġib ruħhu b'mod vendikattiv fil-konfront tad-diriġenti tal-kumpannija, u dan bi ħsara għall-operat tal-istess kumpannija.

7. Is-soċjetà appellanta qalet li l-impjieg tal-appellat ma ġiex itterminat minnufih wara li spiċċat ir-relazzjoni ma' oħt Margie Saliba, u għalhekk it-terminazzjoni tal-impjieg ma tistax titqies li kienet b'reazzjoni għat-tmiem ta' din ir-relazzjoni. L-appellanta spjegat li l-appellat dam fl-impjieg madwar sena wara li ntemmet ir-relazzjoni tiegħu ma' oħt id-direttur Mergie Saliba, u matul din is-sena huwa ngħata diversi twissijiet formali kemm verbalment u anki bil-kitba għall-mod ħażin li huwa kien jimxi bih, iżda minkejja dan l-appellat baqa' jisfida u jippersisti fin-nuqqasijiet tiegħu. Is-soċjetà appellanta qalet li l-iskop tat-twissijiet formali huwa sabiex min iħaddem jagħti ċans lill-impjegat ibiddel fejn ikun qiegħed jonqos, u jiġi mgħarraf bil-konsegwenzi jekk jibqa' jippersisti. L-appellanta qalet li l-appellat mar għall-agħar bl-attitudni tiegħu, u dan beda jinjora t-twissijiet li kien jingħata. Qalet li n-nuqqasijiet tal-appellat li jirriżultaw mill-atti, u l-persistenza ta' dawn in-nuqqasijiet, ma jistgħux ma jiġux ikkunsidrati bħala *gross misconduct* da parti tal-appellat, u din il-kondotta kolpuża kellha titqies bħala raġuni tajba biżżejjed sabiex il-kumpannija ttemm l-impjieg tal-appellat minn magħha. Qalet ukoll li hija ma tqisx li hemm nuqqas ta' proporzjonalità bejn l-imsemmija nuqqasijiet u t-tkeċċija tal-appellat.

8. Permezz tat-tieni ggravju tagħha, l-appellanta qalet li kien hemm nuqqas ta' motivazzjoni tal-ammont likwidat mit-Tribunal bħala kumpens, u sostniet li l-ammont likwidat huwa wieħed esaġerat, u li dan ma ġiex likwidat *ai termini* tal-artikolu 81(2) tal-Kap. 452 tal-Liġijiet ta' Malta. L-appellanta qalet li jekk din il-Qorti tasal għall-konklużjoni li t-tkeċċija tal-appellat mill-impjieg kienet

waħda inġusta, u li għandu jingħata kumpens, irid jingħad li l-kumpens iffissat mit-Tribunal huwa żbilanċjat u ma jirriflettix il-vot kontemplat fil-*proviso* tal-artikolu 81(2)(a) tal-Kap. 452. Spjegat li hemm nuqqas ta' motivazzjoni kif titlob il-liġi ta' kif it-Tribunal illikwida dan il-kumpens, u qalet li l-fatt li l-appellat dam ħames snin jaħdem magħha, u għamel madwar xahar mingħajr impjieg, m'għandhomx jitqiesu li huma raġunijiet biżżejjed biex it-Tribunal jiffissa valur ta' kumpens fl-ammont ta' disat elef Euro (€9,000). Qalet li kien l-appellat stess li bl-aġir tiegħu kkontribwixxa għat-terminazzjoni tal-impjieg tiegħu. Is-soċjetà appellanta qalet li t-Tribunal ma qiesx id-danni reali u t-telf effettiv li ġarrab l-appellat skont il-parametri tal-artikolu 81(2) tal-Kap. 452. Qalet li l-liġi trid li t-Tribunal "iqis" id-danni reali u telf ieħor meta jistabbilixxi l-ammont ta' kumpens, u ma tgħidx li l-kumpens għandu jikkonsisti fit-total tat-telf reali mġarrab. L-appellanta qalet li l-liġi hija ċara dwar x'għandu jiġi kkunsidrat mit-Tribunal meta jillikwida l-kumpens, u meta t-Tribunal ikun qiegħed jeżerċita d-diskrezzjoni tiegħu, huwa għandu jispjega b'mod ċar u li jiftiehem, kif u għalfejn illikwida s-somma li qiegħed jikkundanna lill-prinċipal iħallas. Qalet li t-Tribunal naqas milli jispjega għal liema raġuni ordnalha tħallas l-ammont ta' disat elef Euro (€9,000) bħala danni, u minkejja li t-Tribunal għandu ċerta diskrezzjoni, dan ma jfissirx li jista' jaqbad u jillikwida d-danni kif irid. Qalet li d-diskrezzjoni li għandu t-Tribunal trid tiġi eżerċitata b'kawtela u b'mod raġonevoli, u li tkun tagħmel sens fiċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ. L-appellanta kompliet tgħid li l-fatt li l-appellat kien ilu ħames snin impjegat magħha, u għamel xahar mingħajr impjieg, m'għandhomx jitqiesu li huma raġunijiet sufficjenti għalfejn dan kellu jingħata l-kumpens li ġie likwidat favur tiegħu. Żiedet tgħid li l-prova tad-danni kienet tispetta lill-appellat li jagħmilha, fost l-oħrajn billi juri kif ġie affettwat

negattivament fix-xahar li għamel mingħajr impjieg, u kif il-kundizzjonijiet ġodda tax-xogħol bħala *sales executive* mal-kumpannija SSCS Industrial Cleaning Services huma inqas vantaġġużi mill-kundizzjonijiet tal-impjieg li kellu magħha.

9. Is-soċjetà appellanta qalet li fejn ikun hemm prova li impjegat ikun sofra danni, dan għandu jedd jippretendi t-telf li jkun ġarrab, iżda fil-każ odjern din il-prova hija mankanti għal kollox. Qalet li l-liġi trid li fl-iffissar tal-kumpens it-Tribunal iqis id-danni reali, it-telf li jkun bata l-ħaddiem li jkun ġie mkeċċi, u l-potenzjal tal-impjieg ta' dak il-ħaddiem, imma hawnhekk ma nġabet l-ebda prova ta' dan kollu. Qalet li dawn huma kriterji li t-Tribunal kellu jikkunsidra qabel jiġi biex jiffissa l-kumpens dovut. Żiedet tgħid li t-Tribunal ma mmotivax id-deċiżjoni tiegħu billi per eżempju qal li kien hemm xi telf ta' salarju mill-appellat sakemm dan sab impjieg ieħor, jew kienx hemm xi differenza fis-salarju bejn dak li kellu mas-soċjetà appellanta u dak li ngħata fl-impjieg il-ġdid li sab, jew jekk tilifx xi benefiċċji milli kellu meta kien fl-impjieg mas-soċjetà appellanta.

## Ir-Risposta tal-Appell

10. L-appellat qal li bl-ewwel aggravju tagħha s-soċjetà appellanta qiegħda tipprova timpunja l-apprezzament tal-fatti li sar mit-Tribunal Industrijali, u dan meta l-artikolu 82(3) tal-Kap. 452 jgħid li appell minn deċiżjoni tat-Tribunal Industrijali għandu jkun imsejjes fuq punt ta' liġi. Qal li it-Tribunal għandu l-kompetenza li jisma' u jiddeċiedi kawżi li jirrigwardaw tkeċċija inġusta mill-impjieg, sabiex wara li jagħmel l-apprezzament tal-provi u tal-fatti quddiemu,

ikun jista' jasal għall-konklużjoni tiegħu. L-appellat qal li t-Tribunal għamel eżami tal-fatti, u fid-deċiżjoni tiegħu issottolinea x-xhieda u l-provi prodotti mill-partijiet sabiex wasal għall-konklużjoni tiegħu, fejn qal li mhuwiex konvint li t-tkeċċija mill-impjieg tal-appellat kienet waħda ġusta. L-appellat qal li kien jinkombi fuq is-soċjetà appellanta li turi b'liema mod it-Tribunal naqas milli jimxi mad-dettami tal-liġi, jew kif bid-deċiżjoni tiegħu dan għamel applikazzjoni skorretta tal-liġi. Qal li s-soċjetà appellanta naqset li tagħmel dan, u għalhekk l-appell tagħha sar biss għaliex hija ma qablitx mal-mod kif it-Tribunal għamel l-apprezzament tal-fatti.

11. B'riferiment għat-tieni aggravju tas-soċjetà appellanta, l-appellat qal li kuntrarjament għal dak allegat mis-soċjetà appellanta, it-Tribunal għandu diskrezzjoni wiesgħa sabiex jasal għall-kumpens li għandu jitħallas, u għandu l-poter jikkonsidra ċirkostanzi oħra minbarra dawk imsemmija fil-liġi. Qal li t-Tribunal kellu l-provi kollha quddiemu fl-assjem tagħhom, u fid-diskrezzjoni mħollija lilu seta' jikkonsidra r-raġunijiet kollha u ċ-ċirkostanzi fl-intier tagħhom li wasslu għat-tkeċċija tiegħu mill-impjieg, sabiex jasal għal ammont li jikkumpensa b'mod sħiħ lill-appellat għall-inġustizzja li sofra kaġun tat-tkeċċija tiegħu mill-impjieg. L-appellat qal li kellha tittieħed konsiderazzjoni tal-fatt li s-salarju tiegħu kien wieħed fiss, u li huwa ma kienx jitħallas għas-sigħat żejda li kien jagħmel, u li fil-konfront tiegħu saru allegazzjonijiet infondati ta' serq u li huwa pprova jaddebita ruħhu minn *commissions* ta' ħaddieħor. Qal li għalhekk ma jistax jitqies li l-kumpens akkordat ma kienx wieħed proporzjonat jew raġonevoli.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

12. Din il-Qorti ser tgħaddi sabiex tikkunsidra l-aggravji mressqa mis-soċjetà appellanta, u dan fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet magħmulin mit-Tribunal fid-deċiżjoni appellata u tas-sottomissjonijiet ppreżentati mill-appellat. Fl-ewwel aggravju tagħha, l-appellanta tgħid li t-Tribunal naqas milli jikkonsidra l-obbligi li kellu l-appellat fil-konfront ta' min iħaddmu, u t-Tribunal ma kienx korrett meta ma qiesx li t-twissijiet li kien jingħata l-appellat, anki jekk b'mod verbali, huma twissijiet formali li ngħataw għal raġunijiet dixxiplinarji serji. Min-naħa tiegħu l-appellat qal li b'dan l-aggravju, is-soċjetà appellanta qiegħda tittenta timpunja l-apprezzament tal-provi li sar mit-Tribunal, meta appelli minn deċiżjonijiet dwar allegata tkeċċija inġusta mill-impjieg, m'għandhomx ikunu bbażati fuq punti ta' fatt, iżda fuq punti ta' liġi. Dan minħabba f'dak li jipprovdi l-artikolu 82(3) tal-Kap. 452 tal-Liġijiet ta' Malta, li f'każijiet ta' tkeċċija mingħajr raġuni ġusta, id-dritt ta' appell huwa limitat għal punti ta' liġi. Jgħid li bl-aggravju sollevat minnha, is-soċjetà appellanta qiegħda tistieden lil din il-Qorti ta' reviżjoni tagħmel apprezzament mill-ġdid tal-provi li tressqu quddiem it-Tribunal. F'dan ir-rigward, il-Qorti sejra tagħmel riferiment għal diversi deċiżjonijiet mogħtija minn din il-Qorti diversament preseduta, dwar dan il-punt. Fis-sentenza fl-ismijiet **Emanuel Mifsud *vs.* Kummissarju għall-Kontroll tal-Iżvilupp**[1], il-Qorti qalet:

> *"Din il-Qorti tista' tirrevedi biss kwistjonijiet dwar punti ta' dritt deċiżi mill-Bord. Dan ifisser li m'hemmx appelli fuq kwistjonijiet ta' fatt, fuq kwistjonijiet ta' apprezzament ta' provi ... Biex appell ikun ammissibbli, il-kwistjoni trid tkun neċessarjament dwar*

---

[1] 31.05.1996.

*kwistjoni ta' dritt, li tkun qamet kontroversja dwarha, li tkun ġiet diskussa u eluċidata fil-motivazzjoni u li tkun ġiet definita fid-deċiżjoni appellata."*

13. Fis-sentenza **Anthony Borg *vs* Awtorità tal-Ippjanar**[2], il-Qorti kompliet telabora aktar dwar dan il-punt:

*"F'sistema ġudizzjarju fejn mhux permess rikors għat-tielet Qorti ta' appell, hu għalhekk li hu biss konsentit bil-liġi appell lil din il-Qorti f'każijiet fejn ikun allegat li jkun hemm applikazzjoni ħażina tal-liġi mill-Bord espressa fid-deċiżjoni minnu emessa. Dan ifisser illi aktar minn funzjoni ta' reviżjoni fuq il-fatti in kawża, din il-Qorti għandha allura, funzjoni ta' sentinella biex tassigura li jiġu osservati r-regoli tal-ġustizzja naturali u l-osservanza tad-dispożizzjonijiet tal-liġi u tal-prinċipji fiha enunċjati."*

14. F'sentenza mogħtija minn din il-Qorti diversament preseduta, fl-ismijiet **Francis Mugliett *vs.* L-Awtorità tal-Ippjanar**[3], ġie spjegat illi:

*"Skont il-liġi din il-Qorti għandha ġurisdizzjoni li tissindika l-operat tal-Bord biss u unikament in kwantu jkun fiha punti ta' dritt li ġew konsidrati u deċiżi fl-istess deċiżjoni. Il-liġi ma tagħtix appell fuq kwistjonijiet ta' fatt deċiżi mill-Bord u lanqas ma hemm appell fuq punti ta' liġi sakemm il-kwistjoni ta' dritt ma tkunx ġiet dibattuta, trattata u definita fis-sentenza appellata. Fi kliem ieħor, il-kwistjoni ta' dritt li fuqha persuna aggravata tista' tappella, trid tkun qamet bħala kontroversja quddiem il-Bord u l-Bord irid ikun ikkonsidraha u ppronunzja ruħhu fuqha fis-sentenza tiegħu."*

14. Fis-sentenza fl-ismijiet **Żaren Camilleri *vs.* Awtorità tal-Ippjanar**, il-Qorti qalet:

*"Fi kliem ieħor biex ikun hemm lok għall-appell quddiem din il-Qorti ma jridx ikun hemm fid-deċiżjoni appellata sempliċi applikazzjoni ta' liġi għall-fatti tal-kawża jew sempliċi enunċjazzjoni ta' xi liġi, iżda invece jrid ikun hemm kwistjoni ta' dritt li ħolqot vertenza jew diskussjoni u li l-Bord ikun applika l-attenzjoni tiegħu fuqha billi ttrattaha debitament u ddefiniha fid-deċiżjoni li jkun ta."*

---

[2] 24.04.1996.
[3] 31.05.1996.

15. Fil-każ in eżami, it-Tribunal ikkonsidra l-punti kollha li l-partijiet qajmu quddiemu, u fil-parti konklussiva tas-sentenza tiegħu qies li minkejja li l-appellat ingħata diversi twissijiet fil-kors tal-impjieg tiegħu mas-soċjetà appellanta, in-natura ta' dawn it-twissijiet ħadet xejra u interpretazzjoni differenti wara li l-appellat temm ir-relazzjoni li kellu ma' oħt waħda mid-diretturi tal-kumpannija fejn kien impjegat. It-Tribunal ddeċieda li l-appellanta temmet l-impjieg tal-appellat minħabba ċirkostanzi li jmorru lil hinn minn dak li kien jiġri fuq il-post tax-xogħol, u għalhekk ikkonkluda li t-tkeċċija tal-appellat mill-impjieg ma kinitx waħda ġusta. Il-Qorti tqis illi sabiex wasal għal din id-deċiżjoni tiegħu, it-Tribunal ma kellu jikkonsidra l-ebda punt ta' dritt, iżda kellu biss jinterpreta l-fatti u l-provi li tressqu quddiemu. Dan għalhekk ifisser li l-ewwel aggravju mressqa mis-soċjetà appellanta ma jistax jiġi kkunsidrat minn din il-Qorti għaliex m'hemm l-ebda punt ta' liġi li ġie dibattut mit-Tribunal fid-deċiżjoni tiegħu, u l-appellanta qiegħda tqajjem kwistjoni dwaru f'din l-istanza. Għalhekk il-Qorti mhijiex sejra tieħu konjizzjoni ulterjuri ta' dan l-ewwel aggravju sollevat mis-soċjetà appellanta, u tiċħdu.

16. Permezz tat-tieni aggravju tagħha, is-soċjetà appellanta tgħid li hija tħossha aggravata għaliex it-Tribunal naqas milli jimmotiva kif suppost il-mod kif ikkomputa l-kumpens li għandu jitħallas lill-appellat, wara li ddeċieda li t-tkeċċija tiegħu mill-impjieg ma saritx għal raġuni tajba u suffiċjenti. It-Tribunal akkorda kumpens fl-ammont ta' disat elef Euro (€9,000), wara li qies li r-relazzjoni lavorattiva bejn il-partijiet kienet ilha għaddejja ħames snin, il-fatt li l-appellat dam madwar xahar mingħajr impjieg qabel sab impjieg ieħor, u l-fatt li bl-esperjenza tiegħu l-appellat ma kellux isibha diffiċli biex isib impjieg

alternattiv. Il-Qorti tirrileva li fil-proċeduri quddiem it-Tribunal, l-appellat ma ressaq l-ebda forma ta' prova dwar it-telf reali subit minnu minħabba t-tkeċċija tiegħu mill-impjieg, u ma speċifikax jekk fl-impjieg alternattiv li sab, huwa ngħatax salarju jew benefiċċji aħjar jew agħar minn dawk li kellu mas-soċjetà appellanta. Il-kumpens likwidat mit-Tribunal ma jistax jitqies li mhuwiex wieħed sostanzjali, tenut kont tal-fatt li l-appellat xehed li qabel tkeċċa mill-impjieg is-salarju tiegħu kien ta' €1,500 fix-xahar, u li huwa ma kienx jitħallas għas-sahra, għalkemm kellu xi *commissions* fuq il-bejgħ. Kumpens fl-ammont ta' disat elef Euro (€9,000) huwa ekwivalenti għal sitt xhur salarju tal-appellat li kieku dan baqa' fl-impjieg mtas-soċjetà appellanta, u dan minkejja li l-appellat dam biss xahar mingħajr impjieg. It-Tribunal fil-konsiderazzjonijiet tiegħu qies ukoll li s-snin ta' esperjenza li kellu l-appellat ma kellhomx jagħmluha diffiċli għalih biex isib impjieg alternattiv, kif fil-fatt ġara. Il-Qorti kienet tippretendi li quddiem likwidazzjoni ta' kumpens sostanzjali, it-Tribunal kellu jimmotiva l-parti tal-likwidazzjoni tal-kumpens li qiegħed jordna li għandu jingħata lill-appellat b'mod aħjar. Għall-Qorti, ir-raġunijiet li ngħataw mit-Tribunal għall-kwantum tal-kumpens li għandu jitħallas lill-appellat, huma pjuttost xotti, u ma jippermettux lis-soċjetà appellanta tressaq appell immotivat jekk tagħżel li tipprevalixxi ruħha mid-dritt ta' appell dwar dan il-punt skont il-liġi. Dan in-nuqqas ta' motivazzjoni ċara da parti tat-Tribunal jammonta għal nuqqas serju tal-proċedura, u s-soċjetà appellanta hija ġustifikata fl-ilment tagħha għaliex b'hekk ġew ippreġudikati l-jeddijiet tagħha.

17. Il-Qorti għalhekk tqis li dan it-tieni aggravju huwa ġustifikat u sejra tilqgħu, filwaqt li qiegħda tordna li l-atti għandhom jintbagħtu lura quddiem it-

Tribunal Industrijali sabiex dan jagħraf jagħti spjegazzjoni aktar dettaljata tal-mod kif wasal għall-komputazzjoni tal-kumpens li għandu jitħallas lill-appellat.

**<u>Decide</u>**

**Għar-raġunijiet premessi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi dwar l-appell odjern b'mod limitat kif imfisser aktar 'il fuq f'din is-sentenza, u tordna sabiex l-atti jintbagħtu lura lit-Tribunal Industrijali ħalli jieħu konsiderazzjoni ta' dak kollu li qalet il-Qorti f'din is-sentenza, u jiddeċiedi l-każ skont kif jirrikedji l-paragrafu (a) tas-subartikou 81(2) tal-Kap. 452 u s-subregolament 12 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 452.18.**

**L-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri għandhom jitħallsu mill-partijiet nofs kull wieħed.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**